**7 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

**Kap. 255 - Att dwar iż-Żwieġ - Nullità ta' - Reġistrazzjoni**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat Digriet tat-Tribunal Metropolitan ta' l-Arċidjoċesi li ddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti*

Il-Qorti:-

Dan huwa digriet wara r-rikors konġuntiv magħmul minn A u B li bih qegħdin jitolbu li din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra fit-termini ta' l-artikoli 23, 24 u 28 ta' l-Att I ta' l-1995 id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' l-Arċidjoċesi Malta fid-29 ta' April, 1997 u kkonfermata b'digriet ta' ratifika ta' l-istess Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 1997. Id-digriet ta' esekuttività ta' dawn is-sentenzi ġie mogħti mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza fl-4 ta' Novembru, 1997. Din id-deċiżjoni ddikjarat null iż-żwieġ kattoliku tar-rikorrenti ċċelebrat fil-Knisja Parrokjali ta' Ta' Xbiex fl-10 ta' Novembru, 1990. Kopja awtentika taż-żwieġ, deċiżjonijiet u tad-digriet ta' esekuttività huma esebiti fl-inkartament u mmarkati bħala Dok. C, D u E;

Issa l-Qorti - eżaminat l-artikolu 24 (1) u 24 (2) tal-Kap. 255 għall-konformità tat-talba u r-rekwiżiti proċedurali;

Konstatat illi l-istess Tribunal Metropolitan irrilaxxja dikjarazzjoni ta' esekuttività u għalhekk dawk id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu esegwiti;

Sodisfatta illi ma jeżisti ebda ostakolu għal dik l-esekuzzjoni, minn dawk li jissemmew fis-subartikolu 45 ta' l-artikolu 24, Kap. 255;

Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni definittiva ta' l-imsemmi Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza tas-27 ta' Ottubru, 1997 li kkonfermat deċiżjoni preċedenti tat-Tribunal Metropolitan ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta tad-29 ta' April, 1997, li ddikjarat null iż-żwieġ bejn A u B iċċelebrat fl-10 ta' Novembru, 1990 u dana kif ipprovdut ai termini ta' l-artikoli 23, 24 u 28 ta' l-Att I ta' l-1995 (Kap. 255).

---